Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)

vs

Francis Farrugia

Illum 22 ta’ Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Francis Farrugia, iben Abraham u Inez nee’ Cassar, imwieled Valletta fil-25 ta’ Ottubru, 1949 u detentur ta’ karta ta’ l-identita Nru. 859849(M) illi permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzjoni wahda :

a) approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor u cioe' oggetti li jappartjenu lill-kumpanija The Catering Centre Co. Ltd u persuni ohra, liema oggetti kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki koloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qligh ta' aktar minn LM1,000 ghad-dannu ta' John Farrugia u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Lulju, 1990 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-16 ta' Gunju, 1998 li permezz taghha dehru li tista tinstab htija jew htijiet taht dak Ii hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 293, 294, 308, 309, 310, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi kemm fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija, kif ukoll meta xehed fil-Qorti waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru, 1998 ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu waqt ix-xhieda tieghu, kif ukoll waqt li kien qieghed jirrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija.  L-imputat spjega illi huwa kien ghadda minn perjodu difficli ferm, kellu

hafna inkwiet fil-familja u kien ghalhekk illi beda jiehu hafna kalmanti, kien jiehu doza qawwija ferm ta' kalmanti u beda jidhol f'hafna dejn u kien ghalhekk illi ikkommetta r-reati in kwistjoni.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja tal-imputat, debitament assistit, waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru, 1998, il-Qorti, wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Mejju, 1998, issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi illum il-gurnata l-imputat irnexxielu jhallas dak kollu dovut minnu hlief ghas-somma ta' mitt lira (LM100) lil Dr Michael Tanti Dougal ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' klijenta tieghu Audiophonic Limited ta' Hal-Tarxien.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, u wara li semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur, il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta li taghha jifforma parti illi l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jkompli ghaddej fit-triq it-tajba illi jidher illi qabad. Fil-fatt illum il-gurnata l-imputat

ghandu zewg impiegi u irnexxielu jhallas l-ammonti kollha dovuti minnu hlief, kif diga intqal, ghas-somma ta' mitt lira (LM100).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti tikkundanna lill-imputat misjub **<u>hati</u>** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu ghall-multa ta' mitejn lira (LM200), b'tmien xhur zmien ghall-hlas, b'dan illi ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tal-Kap. 9 jekk il-hati jonqos anke minn pagament wiehed mensili.

(ft) Rita Saliba
Deputat  Registratur